IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 8 – PART 1/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra

ANNESS I

Nota

Riżervi għal miżuri u impenji ta' liberalizzazzjoni eżistenti

1. L-Iskeda ta' Parti għal dan l-Anness tistabbilixxi, skont l-Artikoli 8.15 (Riżervi u eċċezzjonijiet), 9.7 (Riżervi), 14.4 (Riżervi), u, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.10 (Riżervi u eċċezzjonijiet), ir-riżervi meħudin minn dik il-Parti fir-rigward tal-miżuri eżistenti li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

   (a) L-Artikoli 8.6 (Trattament nazzjonali), 9.3 (Trattament nazzjonali) jew, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.3 (Trattament nazzjonali);

   (b) L-Artikoli 8.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) jew, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.4 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit);

   (c) L-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-suq), 9.6 (Aċċess għas-suq) jew, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.6 (Aċċess għas-suq);

   (d) L-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni);

   (e) L-Artikolu 8.8 (Maniġment superjuri u bord tad-diretturi) jew, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.8 (Maniġment superjuri u bord tad-diretturi);

(f) Għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.7 (Forniment transfruntier tas-servizzi finanzjarji); jew

(g) L-Artikolu 14.3 (Obbligi);

u, f'ċerti każijiet, tistabbilixxi l-impenji għal-liberalizzazzjoni immedjata jew futura.

2. Ir-riżervi ta' Parti li huma mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) **Settur** tirreferi għas-settur ġenerali fejn tittieħed ir-riżerva;

(b) **Subsettur** tirreferi għas-settur speċifiku fejn tittieħed ir-riżerva;

(c) **Klassifikazzjoni tal-Industrija** tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta mir-riżerva skont is-CPC, ISIC rev 3.1, jew inkella kif deskritt b'mod espliċitu f'riżerva ta' Parti;

(d) **Tip ta' Riżerva** tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih tittieħed riżerva;

(e) **Livell tal-Gvern** tindika l-livell tal-gvern li jżomm il-miżura li għaliha tittieħed riżerva;

(f) **Miżuri** tidentifika l-liġijiet jew miżuri oħrajn, kif ikkwalifikati, fejn indikati, mill-element **Deskrizzjoni**, li għalihom tittieħed miżura. Miżura ċċitata fl-element **Miżuri**:

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; kif ukoll

(iii) tinkludi:

(A) għal Direttiva tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe liġi jew miżura oħra li timplimenta d-Direttiva fil-livell tal-Istati Membri; kif ukoll

(B) għall-Kanada, kwalunkwe liġi jew miżura oħra f'livell nazzjonali jew subnazzjonali li timplimenta l-ftehimiet bejn il-gvern federali u l-provinċji u t-territorji; kif ukoll

(g) **Deskrizzjoni** tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha tittieħed ir-riżerva. Tista' tistabbilixxi wkoll impenji għal-liberalizzazzjoni.

4. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti tal-Kapitoli, li fuq il-bażi tagħhom tittieħed ir-riżerva. Safejn:

(a) l-element **Miżuri** huwa kkwalifikat minn impenn ta' liberalizzazzjoni mill-element **Deskrizzjoni**, l-element **Miżuri** kif ikkwalifikat bħala tali għandu jirbaħ fuq l-elementi kollha l-oħrajn; kif ukoll

(b) l-element tal-**Miżuri** ma jkun ikkwalifikat hekk, l-element tal-**Miżuri** għandu jieħu s-sopravvent fuq l-elementi l-oħra, sakemm ma id-diskrepanza bejn l-element tal-**Miżuri** u l-elementi l-oħra kkunsidrati fit-totalità tagħhom tkun tant sostanzjali u materjali li ma jkunx raġonevoli li jiġi konkluż li l-element tal-**Miżuri** jieħu s-sopravvent, f'liema każ l-elementi l-oħra jieħdu s-sopravvent sa fejn twassal id-diskrepanza.

5. Meta Parti żżomm miżura li teħtieġ li fornitur tas-servizz ikun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti jew resident tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz fit-territorju tagħha, riżerva għal dik il-miżura meħuda fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-investiment, b'rabta ma' dik il-miżura.

6. Riżerva għal miżura li teħtieġ li fornitur tas-servizz ikun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti jew resident tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz fit-territorju tagħha fir-rigward tal-Artikolu 13.7 (Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji) għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-Artikoli 13.3 (Trattament nazzjonali), 13.4 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 13.6 (Aċċess għas-suq), u 13.8 (Maniġment superjuri u bord tad-diretturi), b'rabta ma' dik il-miżura.

7. Għall-finijiet ta’ dan l-Anness, inkluża l-Iskeda ta' kull Parti għal dan l-Anness:

ISIC rev 3.1 tfisser l-International Standard Industrial Classification of all Economic Activities kif stabbilit fi Statistical Office of the United Nations, Statistical Papers, Series M, N° 4, *ISIC rev 3.1*, 2002.

8. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea għal dan l-Anness:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

UE L-Unjoni Ewropea

ES Spanja

EE L-Estonja

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Is-Slovakkja

SI Is-Slovenja

SE L-Iżvezja

UK Ir-Renju Unit

Skeda tal-Kanada - Federali
Riżervi applikabbli fil-Kanada
(applikabbli fil-Provinċji u t-Territorji kollha)

Riżerva I-C-1

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Investment Canada Act*, R.S.C. 1985, c. 28 (1st Supp.) *Investment Canada Regulations*, S.O.R./85-611
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Ħlief kif stipulat fil-paragrafi 3 u 7, id-Direttur tal-Investimenti sejjer jirrevedi "akkwiżizzjoni ta' kontroll" diretta, kif definita fl-*Investment Canada Act*, ta' negozju Kanadiż minn investitur tal-Unjoni Ewropea jekk il-valur tan-negozju Kanadiż ma jkunx inqas minn CAD $1.5 biljun, aġġustat skont il-metodoloġija applikabblif'Jannar ta' kull sena sussegwenti kif stipulat fl-*Investment Canada Act*. 2. Minkejja d-definizzjoni ta' "investitur" fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet), huma biss investituri li huma ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew entitajiet ikkontrollati minn ċittadini tal-Unjoni Ewropea kif ipprovdut fl-*Investment Canada Act* jistgħu jibbenefikaw mil-limitu ta' reviżjoni superjuri.

3. Il-limitu superjuri fil-paragrafu 1 ma japplikax għal akkwiżizzjoni diretta ta' kontroll minn impriża tal-istat ta' negozju Kanadiż. Dawn l-akkwiżizzjonijiet huma soġġetti għal reviżjoni mid-Direttur tal-Investimenti jekk il-valur tan-negozju Kanadiż ma jkunx inqas minn CAD $369 biljun fl-2015, aġġustat skont il-metodoloġija applikabbli f'Jannar ta' kull sena sussegwenti kif stipulat fl-*Investment Canada Act*.

4. Investiment soġġett għal reviżjoni skont l-*Investment Canada Act* ma jistax jiġi implimentat sakemm il-Ministru responsabbli għall-*Investment Canada Act* ma javżax lill-applikant li l-investiment aktarx li mhuwiex se jkun ta' benefiċċju nett għall-Kanada. Din id-determinazzjoni ssir skont sitt fatturi desritti fl-Att, spjegati kif ġej:

   (a) l-effett tal-investiment fuq il-livell u l-għamla tal-attività ekonomika fil-Kanada, inkluż l-effett fuq l-impjiegi, l-użu ta' partijiet, komponenti u servizzi prodotti fil-Kanada u fuq l-esporazzjonijiet mill-Kanada:

   (b) il-grad u s-sinifikat tal-parteċipazzjoni mill-Kanadiżi fl-investiment;

   (c) l-effett tal-investiment fuq il-produttività, l-effiċjenza industrijali, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni tal-prodotti fil-Kanada;

   (d) l-effett tal-investiment fuq il-kompetizzjoni fi ħdan industrija fil-Kanada;

(e) il-kompatibbiltà tal-investiment mal-politiki industrijali, ekonomiċi u kulturali nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-politika industrijali, ekonomika u kulturali mħabbrin mill-gvern jew il-leġiżlatura ta' provinċja li aktarx li tkun affettwata b'mod sinifikanti mill-investiment; kif ukoll

(f) il-kontribut tal-investiment għall-ħila tal-Kanada li tikkompeti fi swieq dinjin.

5. Meta jagħmel determinazzjoni tal-benefiċċju nett, il-Ministru, permezz tad-Direttur tal-Investimenti, jista' jirrevedi pjanijiet li bihom l-applikant juri l-benefiċċju nett tal-Kanada mill-akkwiżizzjoni proposta. Applikant jista' jissottometti wkoll impenji lill-Ministru b'rabta ma' akkwiżizzjoni proposta li hija s-suġġett tar-reviżjoni. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' impenn min-naħa tal-applikant, il-Ministru jista' jieħu passi legali sabiex qorti tordna l-konformità jew kwalunkwe rimedju ieħor awtorizzat mill-*Investment Canada Act*.

6. Persuna mhux Kanadiża li tistabbilixxi jew tixtri negozju Kanadiż, għajr dawk li huma soġġetti għal reviżjoni, kif deskritt hawn fuq, trid tinnotifika lid-Direttur tal-Investimenti.

7. Il-limiti tar-reviżjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 ma japplikawx għal akkwiżizzjoni ta' negozju kulturali.

8. Barra minn hekk, l-akkwiżizzjoni jew l-istabbiliment speċifiċi ta' negozju ġdid f'tipi dežinjati ta' attivitajiet kummerċjali marbutin mal-wirt kulturali jew l-identità nazzjonali tal-Kanada, li normalment huma notifikabbli, jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni jekk il-Gvernatur fil-Kunsill jawtorizza reviżjoni fl-interess pubbliku.

9. "Akkwiżizzjoni ta' kontroll" indiretta ta' negozju Kanadiż minn investitur tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex negozju kulturali mhijiex rivedibbli.

10. Minkejja l-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni), il-Kanada tista' timponi rekwiżit jew tinfurza dmir jew impenn b'rabta mal-istabbiliment, l-akkwiżizzjoni, l-espansjoni, il-kondotta, l-operat, jew il-ġestjoni ta' kwalunkwe investiment ta' investitur tal-Unjoni Ewropea jew pajjiż terz għat-trasferiment ta' teknoloġija, proċess tal-produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil ċittadin jew impriża, affiljati maċ-ċedent, fil-Kanada b'rabta mar-reviżjoni ta' akkwiżizzjoni ta' investiment skont l-*Investment Canada Act*.

11. Ħlief għar-rekwiżiti, l-impenji jew id-dmirijiet marbutin mat-trasferiment ta' teknoloġija kif stipulati fil-paragrafu 10 ta' din ir-riżerva, l-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni) japplika għal rekwiżiti, impenji jew dmirijiet imposti jew infurzati skont l-*Investment Canada Act*.

12. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva, "persuna mhux Kanadiża" tfisser individwu, gvern jew aġenzija tiegħu jew entità li mhumiex Kanadiżi; u "persuna Kanadiża" tfisser ċittadin Kanadiż jew resident permanenti tal-Kanada, gvern fil-Kanada jew aġenzija tiegħu, jew entità kkontrollata mill-Kanada kif deskritta fl-*Investment Canada Act*.

Riżerva I-C-2

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	Kif stipulat fl-element **Deskrizzjoni**
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-Kanada jew provinċja jew territorju, meta jbigħu jew iċedu l-interessi ekwitarji tagħhom fi, jew l-assi ta', impriża governattiva eżistenti jew entità governattiva eżistenti, jistgħu jipprojbixxu jew jimponu limitazzjonijiet fuq is-sjieda tat-tali interessi jew assi u fuq il-ħila tas-sidien tat-tali interessi jew assi sabiex jikkontrollaw impriża li tirriżulta minn investituri tal-Unjoni Ewropea jew ta' pajjiż terz jew l-investimenti tagħhom. Fir-rigward ta' bejgħ jew ċessjoni oħra bħal dawn, il-Kanada jew provinċja jew territorju jistgħu jadottaw jew iżommu miżura marbuta man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri jew membri tal-bord tad-diretturi.

2. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(a) **miżura** miżmuma jew adottata wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fi żmien il-bejgħ jew ċessjoni oħra, tipprojbixxi jew timponi limitazzjoni fuq is-sjieda tal-interessi azzjonarji jew l-assi jew timponi rekwiżit ta' nazzjonalità deskritt f'din ir-riżerva hija miżura eżistenti; kif ukoll

(b) **impriża governattiva** tfisser impriża proprjetà jew ikkontrollata b'interessi ta' sjieda mill-Kanada jew provinċja jew territorju, u tinkludi impriża stabbilita wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim biss għall-finijiet ta' bejgħ jew ċessjoni ta' interessi azzjonarji fi, jew l-assi ta', impriża statali jew entità governattiva eżistenti.

Riżerva I-C-3

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada Business Corporations Act*, R.S.C. 1985, c. C-44 *Canada Business Corporations Regulations, 2001*, S.O.R./2001-512 *Canada Cooperatives Act*, S.C. 1998, c. 1 *Canada Cooperatives Regulations*, S.O.R./99-256
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Korporazzjoni tista' ddaħħal restrizzjonijiet fuq il-ħruġ, it-trasferiment u s-sjieda ta' ishma f'korporazzjoni inkorporata b'mod federali. L-oġġett ta' dawk ir-restrizzjonijiet huwa li jippermettu lil korporazzjoni sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' sjieda jew kontroll tal-Kanada, skont ċerti liġijiet stabbiliti fil-*Canada Business Corporations Regulations, 2001*, f'setturi fejn is-sjieda jew il-kontroll Kanadiżi huma meħtieġa bħala kundizzjoni sabiex wieħed jirċievi liċenzji, permessi, għotjiet, pagamenti jew benefiċċji oħrajn. Sabiex jinżammu ċerti livelli ta' sjieda tal-Kanada, korporazzjoni titħalla tbigħ ishma tal-azzjonisti mingħajr il-kunsens ta' dawn, u li tixtri l-ishma tagħha stess fis-suq miftuħ.

2. Il-*Canada Cooperatives Act* jistipula li jistgħu jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq il-ħruġ jew it-trasferiment ta' ishma ta' investiment ta' kooperattiva lil persuni mhux residenti l-Kanada, sabiex il-kooperattivi jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kanada dwar is-sjieda sabiex jiksbu liċenzja ħalli jwettqu negozju, isiru pubblikatur ta' gazzetta jew rivista Kanadiża jew sabiex jixtru ishma ta' investiment ta' intermedjarju finanzjarju u f'setturi fejn is-sjieda jew il-kontroll huma kundizzjoni meħtieġa sabiex wieħed jirċievi liċenzji, permessi, għotjiet, pagamenti u benefiċċji oħrajn. Meta s-sjieda jew il-kontroll ta' ishma ta' investiment ikollhom effett avvers fuq il-ħila ta' kooperattiva sabiex iżżomm livell ta' sjieda jew kontroll tal-Kanada, il-*Canada Cooperatives Act* jipprovdi għal-limitazzjoni tan-numru ta' ishma ta' investiment li jistgħu jkunu akkwistati jew għall-projbizzjoni tas-sjieda ta' ishma ta' investiment.

3. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva **persuna Kanadiża** tfisser "persuna Kanadiża" kif definita fil-*Canada Business Corporations Regulations, 2001* jew fil-*Canada Cooperatives Regulations*.

Riżerva I-C-4

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada Business Corporations Act*, R.S.C. 1985, c. C-44 *Canada Business Corporations Regulations, 2001*, S.O.R./2001-512 *Canada Cooperatives Act*, S.C. 1998, c. 1 *Canada Cooperatives Regulations*, S.O.R./99-256 *Canada Corporations Act*, R.S.C. 1970, c. C-32 Atti speċjali tal-Parlament li jinkorporaw kumpaniji speċifiċi
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Għal ħafna mill-korporazzjonijiet inkorporati federalment, il-*Canada Business Corporations Act* jeħtieġ li 25 fil-mija tad-diretturi jkunu residenti Kanadiżi u, jekk it-tali korporazzjonijiet ikollhom inqas minn erba' diretturi, tal-inqas direttur minnhom irid ikun resident Kanadiż. Kif stipulat fil-*Canada Business Corporations Regulations, 2001*, hija meħtieġa maġġoranza sempliċi ta' diretturi residenti Kanadiżi għall-korporazzjonijiet fis-setturi li ġejjin: l-estrazzjoni tal-uranju; il-pubblikazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' kotba; il-bejgħ ta' kotba, jekk il-bejgħ ta' kotba jkun il-qasam ewlieni tan-negozju tal-korporazzjoni; u d-distribuzzjoni ta' films jew vidjo. B'mod simili, korporazzjonijiet li, permezz ta' Att tal-Parlament jew Regolament, ikunu individwalment soġġetti għal rekwiżiti minimi ta' sjieda Kanadiża huma meħtieġa li jkollhom maġġoranza ta' diretturi residenti Kanadiżi.

2. Għall-finijiet tal-*Canada Business Corporations Act*, **resident Kanadiż** tfisser individwu li huwa ċittadin Kanadiż li normalment jirresjedi l-Kanada, ċittadin Kanadiż li normalment ma jirrisjedix il-Kanada li huwa membru ta' klassi stabbilita fil-*Canada Business Corporations Regulations, 2001*, jew "resident permanenti" kif definit fl-*Immigration and Refugee Protection Act*, S.C. 2001, c. 27, għajr resident permanenti li normalment kien resident il-Kanada għal iktar minn sena wara li sar eliġibbli sabiex japplika għal ċittadinanza Kanadiża.
3. Fil-każ ta' korporazzjoni b'parteċipazzjoni azzjonarja, mhux iktar minn terz tad-diretturi jridu jkunu residenti Kanadiżi jekk il-qligħ fil-Kanada tal-korporazzjoni b'parteċipazzjoni azzjonarja u s-sussidjarji tagħha jkunu inqas minn ħamsa fil-mija tal-qligħ gross tal-korporazzjoni b'parteċipazzjoni azzjonarja u s-sussidjarji tagħha.
4. Il-*Canada Cooperatives Act* jeħtieġ li mhux inqas minn żewġ terzi tad-diretturi jkunu membri tal-kooperattiva. Tal-inqas 25 fil-mija tad-diretturi ta' kooperattiva jridu jkunu residenti l-Kanada; jekk kooperattiva jkollha tliet diretturi biss, tal-inqas direttur minnhom irid ikun resident il-Kanada.
5. Għall-finijiet tal-*Canada Cooperatives Act*, **resident tal-Kanada** huwa definit fil-*Canada Cooperatives Regulations* bħala individwu li huwa ċittadin Kanadiż u li normalment ikun residenti l-Kanada; ċittadin Kanadiż li normalment ma jirrisjedix il-Kanada u li huwa membru ta' klassi stabbilita fil-*Canada Business Corporations Regulations*, jew "resident permanenti" kif definit fl-*Immigration and Refugee Protection Act*, għajr resident permanenti li normalment kien resident il-Kanada għal iktar minn sena wara li sar eliġibbli sabiex japplika għal ċittadinanza Kanadiża.

Riżerva I-C-5

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Citizenship Act*, R.S.C. 1985, c. C-29 *Foreign Ownership of Land Regulations*, S.O.R./79-416
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-*Foreign Ownership of Land Regulations* saru skont is-*Citizenship Act* u l-*Agricultural and Recreational Land Ownership Act*, R.S.A. 1980, c. A-9. F'Alberta, persuna ineliġibbli jew korporazzjoni bi sjieda barranija jew kontroll barrani jista' jkollha interess f'art ikkontrollata li tikkonsisti f'massimu ta' żewġ roqgħat li b'kollox ikun fihom massimu ta' 20 acre.

2. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

persuna ineliġibbli tfisser:

(a) persuna fiżika li mhijiex ċittadin Kanadiż jew resident permanenti hemm;

(b) gvern barrani jew aġenzija ta' gvern barrani; jew

(c) korporazzjoni inkorporata f'pajjiż li mhuwiex il-Kanada; kif ukoll

art ikkontrollata tfisser art f'Alberta, iżda ma tinkludix:

(a) art tal-Kuruna bil-jedd ta' Alberta;

(b) art fi ħdan belt, belt żgħira, belt żgħira ġdida, raħal jew raħal tal-villeġġatura; kif ukoll

(c) minjieri jew minerali

Riżerva I-C-6

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Air Canada Public Participation Act*, R.S.C. 1985, c. 35 (4th Supp.) *Canadian Arsenals Limited Divestiture Authorization Act*, S.C. 1986, c. 20 *Eldorado Nuclear Limited Reorganization and Divestiture Act*, S.C. 1988, c. 41 *Nordion and Theratronics Divestiture Authorization Act*, S.C. 1990, c. 4
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. "Persuna mhux resident" jew "persuni mhux residenti" ma jistgħux ikunu sidien ta' iktar minn perċentwal speċifikat mill-ishma tal-vot tal-korporazzjoni li għaliha japplika kull Att. Għal ċerti kumpaniji, ir-restrizzjonijiet japplikaw għal azzjonisti individwali, filwaqt li għal oħrajn, ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu japplikaw fl-aggregat. Jekk hemm limiti fuq il-perċentwal li investitur Kanadiż individwali jista' jippossedi, dawn il-limiti japplikaw ukoll għal persuni mhux residenti. Ir-restrizzjonijiet huma kif ġejjin: Air Canada: 25 fil-mija fl-aggregat; Cameco Limited (qabel kienet magħrufa bħala Eldorado Nuclear Limited): 15 fil-mija għal kull persuna fiżika mhux resident, 25 fil-mija fl-aggregat;

Nordion International Inc.: 25 fil-mija fl-aggregat;

Theratronics International Limited: 49 fil-mija fl-aggregat; kif ukoll

Canadian Arsenals Limited: 25 fil-mija fl-aggregat.

2. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva, **persuna mhux resident** tinkludi:

(a) persuna fiżika li mhijiex ċittadin Kanadiż u normalment mhijiex residenti l-Kanada;

(b) korporazzjoni inkorporata, ifformata jew organizzata b'xi mod ieħor barra l-Kanada;

(c) il-gvern ta' Stat barrani jew suddiviżjoni politika ta' Stat barrani, jew persuna mogħtija s-setgħa li twettaq funzjoni jew dmir f'isem it-tali gvern;

(d) korporazzjoni li hija kkontrollata direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fis-sottoparagrafi (a) sa (c);

(e) trust;

(i) stabbilita minn persuna jew entità msemmija fis-sottoparagrafi (b) sa (d), għajr trust għall-amministrazzjoni ta' fond ta' pensjoni għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi li l-maġġoranza tagħhom huma residenti l-Kanada; jew

(ii) li fiha persuna jew entità msemmija fis-sottoparagrafi (a) sa (d) għandha iktar minn 50 fil-mija tal-interess benefiċjarju; kif ukoll

(f) korporazzjoni li hija kkontrollata direttament jew indirettament minn trust imsemmija fis-sottoparagrafu (e).

Riżerva I-C-7

Settur:	Is-setturi kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Export and Import Permits Act*, R.S.C. 1985, c. E-19
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija biss persuna fiżika li normalment tirresjedi l-Kanada, impriża bl-uffiċċju reġistrat tagħha fil-Kanada jew uffiċċju ta' fergħa fil-Kanada ta' impriża barranija li tista' tapplika għal u li jista' jinħarġilha permess ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew ċertifikat għall-awtorizzazzjoni ta' tranżitu għal servizz tajjeb jew relatat soġġett għal kontrolli skont l-*Export and Import Permits Act*.

Riżerva I-C-8

Settur:	Servizzi soċjali
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li żżomm miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali li normalment ma jkunux riżervati skont ir-Riżerva II-C-9 fir-rigward tas-servizzi soċjali. 2. Din ir-riżerva kontra t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit ma tapplikax għall-forniment ta' servizzi tal-edukazzjoni privata.

Riżerva I-C-9

Settur:	Servizzi ta’ komunikazzjoni
Subsettur:	Netwerks u servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni radjukomunikazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 752
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Telecommunications Act*, S.C. 1993, c. 38 *Canadian Telecommunications Common Carrier Ownership and Control Regulations*, S.O.R./94-667 *Radiocommunications Act*, R.S.C. 1985, c. R-2 *Radiocommunication Regulations*, S.O.R./96-484
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. L-investiment barrani f'fornituri tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bbażati fil-faċilitajiet huwa ristrett għal total massimu kumulattiv ta' 46.7 fil-mija tal-interess tal-vot, fuq il-bażi ta' investiment dirett ta' 20 fil-mija u investiment indirett ta' 33.3 fil-mija.

2. Fil-fatt il-forniturі tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bbażati fil-faċilitajiet iridu jkunu kkontrollati minn Kanadiżi.

3. Tal-inqas 80 fil-mija tal-membri tal-bord tad-diretturi tal-forniturі tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bbażati fil-faċilitajiet iridu jkunu Kanadiżi.

4. Minkejja r-restrizzjonijiet spjegati hawn fuq:

   (a) investiment barrani huwa permess sa 100 fil-mija għal forniturі li jwettqu operazzjonijiet taħt liċenzja internazzjonali ta' kejbil sottomarin;

   (b) sistemi satellitari mobbli ta' fornitur tas-servizzi barrani jistgħu jintużaw minn fornitur tas-servizzi Kanadiż sabiex jipprovdi servizzi fil-Kanada;

   (c) sistemi satellitari fissi ta' fornitur tas-servizzi barrani jistgħu jintużaw sabiex jiġu pprovduti servizzi bejn punti fil-Kanada u l-punti kollha barra l-Kanada;

   (d) investiment barrani huwa permess sa 100 fil-mija għal forniturі li jwettqu operazzjonijiet b'awtorizzazzjoni satellitari; kif ukoll

   (e) investiment barrani huwa awtorizzat sa 100 fil-mija għal forniturі tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bbażati fil-faċilitajiet li għandhom dħul, inkluż dak tal-affiljati tagħhom, mill-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni fil-Kanada li jirrappreżenta inqas minn 10 fil-mija tad-dħul mis-servizzi tat-telekomunikazzjoni totali fil-Kanada.

Riżerva I-C-10

Settur:	Servizzi tat-trasport
Subsettur:	Kummissarji tad-dwana Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Customs Act*, R.S.C. 1985, c. 1 (2nd Supp.) *Customs Brokers Licensing Regulations*, S.O.R./86-1067
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex tkun kummissarju tad-dwana liċenzjat fil-Kanada: (a) persuna fiżika trid tkun ċittadin Kanadiż; (b) korporazzjoni trid tkun inkorporata fil-Kanada bil-maġġoranza tad-diretturi tagħha li jkunu ċittadini Kanadiżi; kif ukoll (c) sħubija trid tkun imsawra minn persuni li huma ċittadini Kanadiżi, jew korporazzjonijiet inkorporati fil-Kanada bil-maġġoranza tad-diretturi tagħhom li jkunu ċittadini Kanadiżi.

Riżerva I-C-11

Settur:	Servizzi ta’ distribuzzjoni
Subsettur:	Ħwienet ħielsa mid-dazju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 631, 632 (limitati għal ħwienet ħielsa mid-dazju)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Customs Act*, R.S.C. 1985, c. 1 (2nd Supp.) *Duty Free Shop Regulations*, S.O.R./86-1072
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

1. Sabiex tkun operatur illiċenzjat ta' ħanut ħieles mid-dazju fi fruntiera fuq l-art tal-Kanada, persuna fiżika trid:
   (a) tkun ċittadin Kanadiż;
   (b) tkun persuna tajba;
   (c) tkun primarjament residenti l-Kanada; kif ukoll
   (d) tkun għexet il-Kanada għal tal-inqas 183 jum mis-sena ta' qabel dik li fiha tapplika għal-liċenzja.
2. Sabiex tkun operatur illiċenzjat ta' ħanut ħieles mid-dazju fi fruntiera fuq l-art tal-Kanada, korporazzjoni trid:
   (a) tkun inkorporata fil-Kanada; kif ukoll
   (b) ikollha l-ishma kollha tagħha bi sjieda benefiċjarja ta' ċittadini Kanadiżi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

Riżerva I-C-12

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Servizzi ta' eżaminazzjoni marbutin mal-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' proprjetà kulturali Servizzi ta' mużewijiet ħlief għal siti u binjiet storiċi (limitati għal servizzi ta' eżaminazzjoni ta' proprjetà kulturali)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96321, 87909 (limitati għal servizzi ta' eżaminazzjoni ta' proprjetà kulturali)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Cultural Property Export and Import Act*, R.S.C. 1985, c. C-51
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Resident tal-Kanada jew istituzzjoni fil-Kanada biss jistgħu jingħażlu bħala eżaminatur espert ta' proprjetà kulturali għall-finijiet tal-*Cultural Property Export and Import Act*. 2. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva: (a) **istituzzjoni** tfisser entità li hija ta' sjieda pubblika u li hija operata biss għall-benefiċċju tal-pubbliku, jiġifieri stabbilita għal skopijiet edukattivi jew kulturali u li tippreserva oġġetti u turihom; kif ukoll (b) **resident tal-Kanada** tfisser persuna fiżika li normalment tirresjedi l-Kanada, jew korporazzjoni li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha l-Kanada jew iżżomm stabbiliment il-Kanada li fih normalment jirrapportaw għax-xogħol l-impjegati mħaddmin b'rabta man-negozju tal-korporazzjoni.

Riżerva I-C-13

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Aġenti tal-privattivi Aġenti tal-privattivi li jipprovdu servizzi ta' konsulenza u rappreżentazzjoni legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8921
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Patent Act*, R.S.C. 1985, c. P-4 *Patent Rules*, S.O.R./96-423
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex jirrappreżenta lil persuna fil-prosekuzzjoni ta' applikazzjoni għal privattiva jew fi kwistjonijiet oħrajn quddiem l-Uffiċċju tal-Privattivi, aġent tal-privattivi jrid ikun resident il-Kanada u rreġistrat mill-Uffiċċju tal-Privattivi.

Riżerva I-C-14

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Aġenti tat-trademarks Aġenti tat-trademarks li jipprovdu servizzi ta' konsulenza u rappreżentazzjoni legali fi proċeduri statutorji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8922
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Trade-marks Act*, R.S.C. 1985, c. T-13 *Trade-marks Regulations*, S.O.R./96-195
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex jirrappreżenta lil persuna fil-prosekuzzjoni ta' applikazzjoni għal trademark jew fi kwistjonijiet oħrajn quddiem l-Uffiċċju tat-Trademarks, aġent tat-trademarks irid ikun resident il-Kanada u rreġistrat mill-Uffiċċju tat-Trademarks.

Riżerva I-C-15

Settur:	Enerġija (żejt u gass)
Subsettur:	Industriji tal-petroleum mhux maħdum u tal-gass naturali Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 883
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada Petroleum Resources Act*, R.S.C. 1985, c. 36 (2nd Supp.) *Territorial Lands Act*, R.S.C. 1985, c. T-7 *Federal Real Property and Federal Immovables Act*, S.C. 1991, c. 50 *Canada-Newfoundland Atlantic Accord Implementation Act*, S.C. 1987, c. 3 *Canada-Nova Scotia Offshore Petroleum Resources Accord Implementation Act*, S.C. 1988, c. 28
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Din ir-riżerva tapplika għal liċenzji tal-produzzjoni maħruġin għal "artijiet fil-fruntiera" u "żoni offshore" (żoni mhux taħt ġurisdizzjoni provinċjali) kif definiti fil-miżuri applikabbli. 2. Persuna li għandha liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass jew ishma fihom trid tkun korporazzjoni inkorporata fil-Kanada.

Riżerva I-C-16

Settur:	Enerġija (żejt u gass)
Subsettur:	Industriji tal-petroleum mhux maħdum u tal-gass naturali Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 883
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada Oil and Gas Production and Conservation Act*, R.S.C. 1985, c. O-7, kif emendat mill-*Canada Oil and Gas Operations Act*, S.C. 1992, c. 35 *Canada - Nova Scotia Offshore Petroleum Resources Accord Implementation Act*, S.C. 1988, c. 28 *Canada - Newfoundland Atlantic Accord Implementation Act*, S.C. 1987, c. 3 Miżuri li jimplimentaw il-Canada-Yukon Oil and Gas Accord, inkluż il-*Canada-Yukon Oil and Gas Accord Implementation Act*, 1998, c.5, s. 20 u l-*Oil and Gas Act*, RSY 2002, c. 162 Miżuri li jimplimentaw in-Northwest Territories Oil and Gas Accord, inklużi miżuri ta' implimentazzjoni li japplikaw għal jew li huma adottati minn Nunavut bħala t-territorji suċċessuri għall-eks Territorji tal-Majjistral Miżuri li jimplimentaw il-Canada-Quebec Gulf of St. Lawrence Petroleum Resources Accord

Deskrizzjoni:

Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

1. Skont il-*Canada Oil and Gas Operations Act*, "pjan tal-benefiċċji" jrid ikun approvat mill-Ministru sabiex wieħed ikun awtorizzat jipproċedi bi proġett ta' żvilupp taż-żejt u l-gass.

2. **Pjan tal-benefiċċji** tfisser pjan għall-impjieg ta' Kanadiżi u għall-forniment lil manifatturi, konsulenti, kuntratturi u kumpaniji tas-servizzi Kanadiżi b'opportunità sħiħa u ġusta sabiex jieħdu sehem fuq bażi kompetittiva fil-provvista ta' prodotti u servizzi użati f'ħidma jew attività proposta msemmija fil-pjan tal-benefiċċji.

3. Il-pjan tal-benefiċċji kkontemplat mill-*Canada Oil and Gas Operations Act* jippermetti lill-Ministru jimponi fuq l-applikant rekwiżit ieħor sabiex jiżgura li individwi jew gruppi żvantaġġati jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ u impjieg jew ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-provvista ta' prodotti u servizzi użati fil-ħidma proposta msemmija fil-pjan tal-benefiċċji.
4. Fil-liġijiet li jimplimentaw il-Canada-Yukon Oil and Gas Accord huma inklużi dispożizzjonijiet li jkomplu dawk stipulati fil-*Canada Oil and Gas Operations Act*.
5. Dispożizzjonijiet li jkomplu dawk stipulati fil-*Canada Oil and Gas Operations Act* sejrin ikunu inklużi fil-liġijiet jew ir-regolamenti sabiex jiġu implimentati ftehimiet ma' bosta provinċji u territorji, inkluż sabiex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni minn provinċji u territorji (pereżempju, in-Northwest Territories Oil and Gas Accord, il-Canada-Quebec Gulf of St. Lawrence Petroleum Resources Accord, u n-New Brunswick Oil and Gas Accord). Għall-finijiet ta' din ir-riżerva, dawn il-ftehimiet u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni għandhom jitqiesu li huma miżuri eżistenti, ladarba jiġu konklużi.

6. Il-*Canada-Nova Scotia Offshore Petroleum Resources Accord Implementation Act* u l-*Canada-Newfoundland Atlantic Accord Implementation Act* għandhom l-istess rekwiżit għal pjan tal-benefiċċji iżda jeħtieġu wkoll li l-pjan tal-benefiċċji jiżgura li:
   (a) il-korporazzjoni jew korp ieħor li jissottomettu l-pjan jistabbilixxu fil-provinċja applikabbli uffiċċju fejn sejrin iseħħu l-livelli xierqa ta' teħid ta' deċiżjonijiet, qabel ma jwettqu ħidma jew attività fiż-żona offshore;
   (b) isiru nefqiet għar-riċerka u l-iżvilupp li sejrin jitwettqu fil-provinċja, u jiġu pprovduti edukazzjoni u taħriġ fil-provinċja; kif ukoll
   (c) tingħata l-ewwel kunsiderazzjoni lil prodotti manifatturati jew servizi pprovduti minn ġewwa l-provinċja, fejn dawk il-prodotti jew is-servizzi jkunu f'kompetizzjoni f'termini ta' prezz tas-suq ġust, kwalità u kunsinna.
7. Il-Bordijiet li jamministraw il-pjan tal-benefiċċji skont dawn l-Atti jistgħu jeħtieġu wkoll li l-pjan ikun jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li individwi jew gruppi żvantaġġati, jew korporazzjonijiet tagħhom jew kooperattivi operati minnhom, jieħdu sehem fil-forniment ta' prodotti u servizzi użati fil-ħidma jew l-attività proposta msemmija fil-pjan.
8. Barra minn hekk, il-Kanada tista' timponi rekwiżit jew tinfurza impenn jew dmir għat-trasferiment ta' teknoloġija, proċess tal-produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil persuna fil-Kanada b'rabta mal-approvazzjoni tal-proġetti ta' żvilupp skont l-Atti applikabbli.

Riżerva I-C-17

Settur:	Enerġija (żejt u gass)
Subsettur:	Industriji tal-petroleum mhux maħdum u tal-gass naturali Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 120, 883
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada-Newfoundland Atlantic Accord Implementation Act*, S.C. 1987, c. 3 *Hibernia Development Project Act*, S.C. 1990, c. 41
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Skont il-*Hibernia Development Project Act*, il-Kanada u s-Sidien tal-Proġett Hibernia jistgħu jidħlu fi ftehimiet. Dawk il-ftehimiet jistgħu jeħtieġu li s-Sidien tal-Proġett jieħdu impenn li jwettqu ċerta ħidma fil-Kanada u Newfoundland u li jużaw l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jilħqu l-livelli fil-mira speċifiċi tal-Kanada u Newfoundland b'rabta mad-dispożizzjonijiet ta' "pjan tal-benefiċċji" meħtieġ mill-*Canada-Newfoundland Atlantic Accord Implementation Act*. "Pjanijiet tal-benefiċċji" huma deskritti f'iktar dettall fir-Riżerva tal-Kanada I-C-16. 2. Barra minn hekk, b'rabta mal-Proġett Hibernia, il-Kanada tista' timponi rekwiżit jew tinfurza impenn jew dmir għat-trasferiment ta' teknoloġija, proċess tal-produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil ċittadin jew impriża fil-Kanada.

Riżerva I-C-18

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Minjieri tal-uranju Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 883
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Investment Canada Act*, R.S.C. 1985, c. 28 (1st Supp.) *Investment Canada Regulations,* S.O.R./85-611 *Non-Resident Ownership Policy in the Uranium Mining Sector*, 1987
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Is-sjieda minn "persuni mhux Kanadiżi", kif definiti fl-*Investment Canada Act*, ta' proprjetà tal-estrazzjoni tal-uranju hija limitata għal 49 fil-mija fl-istadju tal-ewwel produzzjoni. Eċċezzjonijiet għal dan il-limitu jistgħu jkunu awtorizzati jekk jista' jiġi stabbilit li l-proprjetà fil-fatt hija "Kkontrollata mill-Kanada", kif definit fl-*Investment Canada Act*.

2. Eċċezzjonijiet min-*Non-Resident Ownership Policy in the Uranium Mining Sector* huma permessi, soġġetti għall-approvazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill, iżda biss f'każijiet li fihom il-parteċipanti Kanadiżi fis-sjieda tal-proprjetà ma jkunux disponibbli. Investimenti fi proprjetajiet minn persuni mhux Kanadiżi, li saru qabel it-23 ta' Diċembru 1987 u li huma lil hinn mil-livell ta' sjieda permess, jistgħu jibqgħu fis-seħħ. Ma hi permessa ebda żieda fi sjieda mhux ta' Kanadiżi.

3. Meta kkunsidrat talba għal eżenzjoni mill-Politika minn investitur tal-Unjoni Ewropea, il-Kanada mhijiex sejra teħtieġ li jintwera li ma jistax jinstab sieħeb Kanadiż.

Riżerva I-C-19

Settur:	Servizzi kummerċjali
Subsettur:	Awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Bank Act*, S.C. 1991, c. 46 *Insurance Companies Act*, S.C. 1991, c. 47 *Cooperative Credit Associations Act*, S.C. 1991, c. 48 *Trust and Loan Companies Act*, S.C. 1991, c. 45
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** 1. Il-banek huma meħtieġa jkollhom kumpanija ta' kontabilisti sabiex ikunu l-awdituri tal-bank. Kumpanija ta' kontabilisti trid tkun ikkwalifikata kif stabbilit fil-*Bank Act*. Fost il-kwalifiki meħtieġa hemm li żewġ membri jew iktar tal-kumpanija jridu jkunu residenti ordinarji fil-Kanada u li l-membru tal-kumpanija dežinjati b'mod konġunt mill-kumpanija u l-bank li jwettqu l-awditjar iridu jkunu jirresjedu normalment il-Kanada.

2. Kumpanija tal-assigurazzjoni, assoċjazzjoni kooperattiva tal-kreditu, u trust jew kumpanija tas-self jeħtieġu awditur li jista' jkun persuna fiżika jew kumpanija ta' kontabilisti. Awditur ta' istituzzjoni bħal din irid ikun ikkwalifikat kif stipulat fl-*Insurance Companies Act*, il-*Cooperative Credit Associations Act* jew it-*Trust and Loan Companies Act*. Jekk persuna fiżika tinħatar bħala l-awditur ta' istituzzjoni finanzjarja bħal din, fost il-kwalifiki meħtieġa hija li l-persuna trid tkun normalment residenti l-Kanada. Jekk kumpanija ta' kontabilisti titqabbad bħala l-awditur ta' istituzzjoni finanzjarja bħal din, il-membru tal-kumpanija maħtur b'mod konġunt mill-kumpanija u l-istituzzjoni finanzjarja sabiex iwettaq l-awditjar irid ikun normalment residenti l-Kanada.

Riżerva I-C-20

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi tat-trasport bl-ajru (passiġġieri u merkanzija) "Servizzi speċjali tal-ajru" (kif stipulat fl-element **Deskrizzjoni** hawn taħt) Servizzi ta' kurrier
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 73, 7512, "servizzi speċjali tal-ajru" (kif stipulat fl-element **Deskrizzjoni** hawn taħt)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Nazzjonali:	*Canada Transportation Act*, S.C. 1996, c. 10 *Aeronautics Act*, R.S.C. 1985, c. A-2 *Canadian Aviation Regulations*, S.O.R./96-433: Part II, Subpart 2 - "Aircraft Markings and Registration"; Part IV "Personnel Licensing and Training"; kif ukoll Part VII "Commercial Air Services"
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-*Canada Transportation Act*, fit-taqsima 55, jiddefinixxi "persuna Kanadiża" (taħt "Canadian") kif ġej:

2. "... "persuna Kanadiża" tfisser ċittadin tal-Kanada jew resident permanenti skont it-tifsira tas-subtaqsima 2(1) tal-*Immigration and Refugee Protection Act*, gvern fil-Kanada jew aġent tat-tali gvern jew korporazzjoni jew entità oħra li hija inkorporata jew ifformata skont il-liġijiet tal-Kanada jew provinċja, li hija kkontrollata fil-fatt minn persuni Kanadiżi u li tal-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija, jew perċentwal inqas skont kif jista' jispeċifika l-Gvernatur fil-Kunsill permezz ta' regolament, tal-interessi tal-vot ikunu proprjetà ta' u kkontrollati minn Kanadiżi..."

3. Regolamenti li jsiru skont l-*Aeronautics Act* jinkorporaw b'referenza d-definizzjoni ta' "persuna Kanadiża" li tinsab fil-*Canada Transportation Act*. Dawn ir-Regolamenti jeħtieġu li operatur Kanadiż tas-servizzi kummerċjali tal-ajru jopera inġenji tal-ajru rreġistrati l-Kanada. Dawn ir-Regolamenti jeħtieġu li operatur ikun Kanadiż sabiex jikseb Ċertifikat Kanadiż tal-Operatur tal-Ajru u jikkwalifika sabiex jirreġistra inġenju tal-ajru bħala "Kanadiż".

4. Kanadiżi biss jistgħu jipprovdu s-servizzi kummerċjali li ġejjin ta' trasport bl-ajru:

   (a) servizzi domestiċi (servizzi bl-ajru bejn punti, jew minn u lejn l-istess punt, fit-territorju tal-Kanada, jew bejn punt fit-territorju tal-Kanada u punt mhux fit-territorju ta' pajjiż ieħor);

   (b) servizzi internazzjonali skedati (servizzi tal-ajru skedati bejn punt fit-territorju tal-Kanada u punt fit-territorju ta' pajjiż ieħor) fejn dawk is-servizzi jkunu ġew riżervati għal operaturi Kanadiżi skont ftehimiet eżistenti jew futuri dwar is-servizzi tal-ajru;

   (c) servizzi internazzjonali mhux skedati (servizzi tal-ajru mhux skedati bejn punt fit-territorju tal-Kanada u punt fit-territorju ta' pajjiż ieħor) fejn dawk is-servizzi jkunu ġew riżervati għal operaturi Kanadiżi skont il-*Canada Transportation Act*; kif ukoll

   (d) servizzi tal-ajru speċjali inklużi mmappjar mill-ajru, stħarriġ mill-ajru, fotografija mill-ajru, immaniġġjar ta' nirien tal-foresti, tifi tan-nar, reklamar mill-ajru, irmunkar ta' gliders, qbiż bil-paraxut, bini mill-ajru, qtugħ tas-siġar għall-injam minn ħelikopter, spezzjoni mill-ajru, sorveljanza mill-ajru, taħriġ ta' titjiriet, mawriet mill-ajru u sprejjar fuq l-għelejjel mill-ajru.

5. Ebda individwu barrani ma huwa kkwalifikat sabiex ikun is-sid irreġistrat ta' inġenju tal-ajru rreġistrat il-Kanada.

6. Skont il-*Canadian Aviation Regulations*, korporazzjoni inkorporata fil-Kanada, iżda li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Kanada dwar is-sjieda u l-kontroll, tista' tirreġistra inġenju tal-ajru għal użu privat biss meta maġġoranza sinifikanti ta' użu tal-inġenju tal-ajru (tal-inqas 60 fil-mija) tkun fil-Kanada.
7. Il-*Canadian Aviation Regulations* għandhom ukoll l-effett ta' limitazzjoni ta' inġenji tal-ajru privati rreġistrati barra l-pajjiż għal korporazzjonijiet mhux Kanadiżi li jridu jkunu preżenti fil-Kanada għal massimu ta' 90 jum għal kull perjodu ta' tnax-il xahar. L-inġenji tal-ajru privati rreġistrati barra għandhom ikunu limitati għal użu privat, kif ikun il-każ għal inġenji tal-ajru rreġistrati l-Kanada li jeħtieġu ċertifikat għall-operazzjonijiet privati.

Riżerva I-C-21

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru Servizzi ta' groundhandling (manutenzjoni bil-linja biss) kif definiti fil-Kapitoli dwar il-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u l-Investiment
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	"Servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru" u "servizz ta' groundhandling" (manutenzjoni bil-linja biss), kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet)
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Nazzjonali:	*Aeronautics Act*, R.S.C. 1985, c. A-2 *Canadian Aviation Regulations*, S.O.R./96-433: Part IV "Personnel Licensing and Training"; Part V "Airworthiness"; Part VI "General Operating and Flight Rules"; kif ukoll Part VII "Commercial Air Services"
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Attivitajiet ta' tiswija, tiġdid jew manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u prodotti ajrunawtiċi oħrajn (inkluża manutenzjoni bil-linja) meħtieġa sabiex tinżamm l-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u prodotti ajrunawtiċi oħrajn irreġistrati l-Kanada jrid jsiru minn persuni li jissodisfaw rekwiżiti regolatorji tal-Kanada dwar l-avjazzjoni (jiġifieri, organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati u inġiniera tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru). Iċ-ċertifikazzjonijiet mhumiex ipprovduti għal persuni li jinsabu barra l-Kanada, ħlief suborganizzazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati li jinsabu l-Kanada.

Riżerva I-C-22

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport ta' passiġġieri u merkanzija skedat u mhux skedat fuq l-art, inklużi servizzi tal-kurrier.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, 7122, 7123, 7512
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Nazzjonali:	*Motor Vehicle Transport Act*, R.S.C. 1985, c. 29 (3rd Supp.), kif emendat minn S.C. 2001, c. 13. *Canada Transportation Act*, S.C. 1996, c. 10 *Customs Tariff*, S.C. 1997, c. 36
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Persuni tal-Kanada li jużaw trakkijiet jew karozzi tal-linja rreġistrati l-Kanada u bid-dazju mħallas jew mibnijin il-Kanada biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' trakkijiet jew karozzi tal-linja bejn punti fit-territorju tal-Kanada.

Riżerva I-C-23

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport fuq l-ilma (passiġġieri u merkanzija) b'bastimenti tal-baħar u bastimenti mhux tal-baħar Servizzi ta' sostenn u oħrajn għat-trasport tal-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi bl-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħrajn tal-ilma Kwalunkwe attività marittima kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 721, 722, 745, 5133, 5223, u kwalunkwe attività marittima kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Nazzjonali:	*Canada Shipping Act, 2001*, S.C. 2001, c. 26

Deskrizzjoni:

Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi, u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali

1. Sabiex tirreġistra bastiment il-Kanada, is-sid ta' dak il-bastiment jew il-persuna li għandha pussess esklussiv ta' dak il-bastiment iridu jkunu:
   (a) ċittadin Kanadiż jew resident permanenti tal-Kanada" skont it-tifsira tas-sottotaqsima 2(1) tal-*Immigration and Refugee Protection Act*,
   (b) korporazzjoni inkorporata skont il-liġi tal-Kanada jew provinċja jew territorju; jew
   (c) meta l-bastiment ma jkunx diġà rreġistrat f'pajjiż ieħor, korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' pajjiż għajr il-Kanada jekk wieħed/waħda minn dawn li ġejjin ikunu qegħdin jaġixxu fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha marbutin mal-bastiment, jiġifieri:
      (i) sussidjarju tal-korporazzjoni li hija inkorporata skont il-liġi tal-Kanada jew provinċja jew territorju;
      (ii) impjegat jew direttur fil-Kanada ta' kwalunkwe uffiċċju ta' fergħa tal-korporazzjoni li qiegħed iwettaq in-negozju fil-Kanada; jew
      (iii) kumpanija ta' mmaniġġjar tal-bastimenti inkorporata skont il-liġi tal-Kanada jew provinċja jew territorju.

2. Bastiment irreġistrat f'pajjiż barrani li kien "bareboat chartered" jista' jkun elenkat fil-Kanada għad-durata taċ-"charter" filwaqt li r-reġistrazzjoni tal-bastiment tkun sospiża fil-pajjiż tar-reġistru tagħha, jekk iċ-"charterer" ikun:

   (a) ċittadin Kanadiż jew resident permanenti l-Kanada, kif definit fis-subtaqsima 2(1) tal-*Immigration and Refugee Protection Act*; jew

   (b) korporazzjoni inkorporata skont il-liġi tal-Kanada jew provinċja jew territorju.

Riżerva I-C-24

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport fuq l-ilma (passiġġieri u merkanzija) b'bastimenti tal-baħar u bastimenti mhux tal-baħar Servizzi ta' sostenn u oħrajn għat-trasport tal-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi bl-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħrajn tal-ilma Kwalunkwe attività marittima kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 721, 722, 745, 5133, 5223, u kwalunkwe attività marittima kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Nazzjonali:	*Canada Shipping Act, 2001*, S.C. 2001, c. 26 *Marine Personnel Regulations*, S.O.R./2007-115
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi, u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Kaptani, mates, inġiniera u ċerti baħħara oħrajn irid ikollhom ċertifikat mogħti mill-Ministru tat-Trasport bħala rekwiżit tas-servizz tal-bastimenti rreġistrati l-Kanada. Dawn iċ-ċertifikati jistgħu jingħataw biss lil ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti hemm.

Riżerva I-C-25

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 74520
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Nazzjonali:	*Pilotage Act*, R.S.C. 1985, c. P-14 *General Pilotage Regulations*, S.O.R./2000-132 *Atlantic Pilotage Authority Regulations*, C.R.C. c. 1264 *Laurentian Pilotage Authority Regulations*, C.R.C. c. 1268 *Great Lakes Pilotage Regulations*, C.R.C. c. 1266 *Pacific Pilotage Regulations*, C.R.C. c. 1270
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi, u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Soġġetta għar-Riżerva tal-Kanada II-C-15, liċenzja jew ċertifikat tal-pilotaġġ maħruġin mill-Awtorità tal-Pilotaġġ reġjonali rilevanti huma meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' pilotaġġ fl-ilmijiet ta' pilotaġġ obbligatorji tat-territorju tal-Kanada. Ċittadin Kanadiż jew resident permanenti hemm biss jista' jikseb liċenzja jew ċertifikat tal-pilotaġġ. Resident permanenti tal-Kanada li nħarġulu liċenzja ta' bdot jew ċertifikat tal-pilotaġġ irid isir ċittadin Kanadiż fi żmien ħames snin minn meta jirċievi dik il-liċenzja jew dak iċ-ċertifikat tal-pilotaġġ sabiex ikun jista' jżommhom.

Riżerva I-C-26

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi tat-trasport minn bastimenti tal-baħar u mhux tal-baħar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 721, 722
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Obbligi
Nazzjonali:	*Coasting Trade Act*, S.C. 1992, c. 31
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi, u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-projbizzjonijiet skont il-*Coasting Trade Act*, stabbiliti fir-Riżerva tal-Kanada II-C-14, ma japplikawx għal kwalunkwe bastiment li jkun tal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika, meta jintuża biss għall-fini ta' trasportar ta' prodotti li huma proprjetà tal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika mit-territorju tal-Kanada sabiex iforni lil siti Mbegħdin ta' Twissija Bikrija.

Riżerva I-C-27

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport tal-passiġġieri skedat jew mhux skedat bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, 7122
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Nazzjonali:	*Motor Vehicle Transport Act*, R.S.C. 1985, c. 29 (3rd Supp.), kif emendat minn S.C. 2001, c. 13
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aġenziji provinċjali ġew iddelegati awtorità sabiex jippermettu lil persuni jipprovdu servizzi tal-karozza tal-linja barra l-provinċja (bejn provinċji u b'mod transfruntier) fil-provinċji u t-territorji rispettivi tagħhom fuq l-istess bażi bħas-servizzi lokali tal-karozza tal-linja. Ħafna mill-aġenziji provinċjali jippremettu l-forniment ta' servizzi lokali ta' karozzi tal-linja fuq il-bażi ta' konvenjenza pubblika u test tal-ħtieġa.

Riżerva I-C-28

Settur:	Trasport
Subsettur:	Is-subsetturi kollha tat-trasport
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Nazzjonali:	*Canada Transportation Act*, S.C. 1996, c. 10
Deskrizzjoni:	**Investiment** Skont il-*Canada Transportation Act*, kwalunkwe tranżazzjoni proposta li tinvolvi impenn ta' trasport li jqajjem problemi marbutin mal-interess pubbliku għaliex ikun marbut mat-trasport nazzjonali kif stipulat mill-Ministru teħtieġ li tiġi approvata mill-Gvernatur fil-Kunsill.

Riżerva I-C-29

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi postali, trasport tal-posta bi kwalunkwe mod ta' trasport.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71124, 71235, 7321, 7511
Livell tal-Gvern:	Miżuri
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Nazzjonali:	*Canada Post Corporation Act*, R.S.C. 1985, c. C-10 *Letter Definition Regulations*, S.O.R./83-481
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-uniku privileġġ esklussiv ta' ġbir, trażmissjoni u kunsinna ta' "ittri" fil-Kanada, kif definiti fil-*Letter Definition Regulations* huwa riżervat għall-monopolju postali. Għal ċertezza aħjar, attivitajiet marbutin mal-uniku privileġġ esklussiv jistgħu jkunu ristretti wkoll, inkluż il-ħruġ ta' bolol tal-posta u l-installazzjoni, l-immuntar jew ir-rilokazzjoni f'post pubbliku ta' reċipjenti tal-posta jew apparat li jintuża għall-ġbir, il-kunsinna jew il-ħżin ta' posta.